31998R1498

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1498/98

ta' l-14 ta' Lulju 1998

li jemenda r-Regolament (LE) Nru 3223/94 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjomni ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni għall-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2520/97 [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 32(2), tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2375/96 [4], jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni għall-frott u l-ħxejjex;

Billi l-istabbiliment ta' prezz tad-dħul jeħtieġ li r-regoli għall-kalkolazzjoni tal-valur doganali kif definit fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6], jkunu applikati b'tali manjiera li jassiguraw il-konsistenza taż-żewġ metodi tal-kalkolazzjoni; billi dan għandu wkoll jiġi speċifikat fit-test tar-Regolament (LE) Nru 3223/94, partikolarment sabiex jiffaċilita t-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet doganali;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu 1b li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94:

"1b. Meta l-prezz tad-dħul jiġi kalkolat fuq il-bażi tal-prezz frank abbord ('fob') għall-prodotti fil-pajjiż ta' l-oriġini, il-valur doganali għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-bejgħ rilevanti b'dak il-prezz.

Meta l-prezz tad-dħul huwa kalkolat bi qbil ma' waħda mill-proċeduri li hemm disposizzjoni dwarhom fil-paragrafi 1(b) jew (c) jew fil-paragrafu 1a(b), il-valur doganali għandu jiġi kkalkolat fuq l-istess bażi tal-prezz tad-dħul."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU L 346, tas-17.12.1997, p. 41.
[3] ĠU L 337, ta' l-24.12.1994, p. 66.
[4] ĠU L 325, ta' l-14.12.1996, p. 5.
[5] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[6] ĠU L 17, tal-21.1.1997, p. 1.